# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Charles Abela**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` **Charles Abela**, karta tal-identita bin-numru 439455M fejn ġie mixli talli f'dawn il-Gżejjer nhar il-25 ta' Mejju 2013 għall-ħabta ta' 17:35 ġewwa Dawret San Pawl il-Baħar, San Pawl il-Baħar : -

(a) Saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni KPY-013 u b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Dennis Camilleri skont kif iċċertifika Dr. Moses Camilleri M.D. Reg. 2242 mill-M.D.H.

Il-Prosekuzzjoni talbet lil Qorti sabiex tiskwalifika lill-ħati mill-liċenzi kollha tas-sewqan għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat li matul is-seduta tas-6 t'Ottubru 2014 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 33 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-Avukat Dottor Toni Abela tenna li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih;

Rat id-dokumenti prodotti;

Rat u semgħet il-provi imresqin mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi f'dan il-każ il-parte civile qiegħed itenni li waqt li kien qiegħed isuq il-mutur tiegħu f'Dawret San Pawl il-Baħar fuq il-karreġġjata esterna b'veloċita ta' madwar sebgħin kilometru fis-siegħa. L-imputat kien qiegħed isuq il-Ford Transit Mini Bus fl-istess triq pero fil-karreġġjata interna ("bil-mod kien għaddej. Bil-mod fuq in-naħa ta' ġewwa" fol 52).

Meta kienu xi distanza tul l-Awla 12 minn xulxin fuq karreġġjati paralleli fil-parti dritta tat-triq, il-parte civile jtenni li ra' l-vettura tal-imputat, mingħajr sinjal, tagħmel manuvra biex taqsam għall-karreġġjata esterna. F'dan il-mument il-parte civile kien wasal biex jaqbeż il-vettura misjuqa mill-imputat iżda minħabba li dan laħaq beda dieħel fil-karreġġjata esterna spiċċa biex għalaqlu t-triq u l-parte civile għafas il-brake. Minħabba f'hekk huwa ġie bejn il-vettura misjuqa mill-imputat u l-crash barrier.

In konsegwenza ta' dan l-inċident il-parte civile jgħid li huwa sofra madwar tlieta u għoxrin punt f'idejh ix-xellugija u kellu ksur tas-sebgħu taċ-ċurkett li kien maqsum minn fuq u jiddeskrivih bħala li kien imdendel. Jixhed ukoll li kien qiegħed imur għall-fiżjoterapija u li żgur sad-data li xehed l-ewwel darba fiha (8 t'April 2015) huwa kien għadu ma rkuprax mija fil-mija u dak is-seba ma kienx jingħalaqlu bħall-oħrajn.

Il-verżjoni tal-parte civile hija msaħħa bix-xiehda ta' Matthew Mallia li kien qiegħed isuq il-mutur tiegħu f'distanza qasira wara l-parte civile. Mallia jiddeskrivi d-dinamika tal-inċident ftit jew wisq fl-istess termini tal-parte civile. Jikkonferma li kienu qegħdin isuqu l-muturi rispettivi tagħhom fuq il-karreġġjata esterna ta' Dawret San Pawl il-Baħar. Fuq il-karreġġjata interna kien il-vettura misjuqa mill-imputat li f'mument minnhom "qabad jaqsam bil-mod il-mod il-lane" (fol 70). L-imputat kien qiegħed isuq bejn wieħed u ieħor bl-istess veloċita li kienu qed isuqu huma. Din il-manuvra beda jagħmilha meta kien madwar distanza ta' nofs l-Awla numru tnax minn miegħu iżda l-parte civile kien quddiemu u għalhekk id-distanza bejn il-parte civile u l-imputat kienet iqsar. Quddiem il-vettura tal-imputat ma rax jekk kienx hemm karozzi oħra għaddejjin u meta l-imputat beda jagħmel il-manuvra t'attraversament tal-karreġġjata ma raħx jagħmel xi sinjal. Lil sieħbu huwa ma paqpaqlux meta l-imputat beda jaqleb il-karreġġjata u dan ix-xhud jgħid li huwa kellu jaqleb għall-karreġġjata interna biex jevita li jiġi wkoll milqut mill-vettura misjuqa mill-imputat. Iżda għalkemm huwa evita li jaħbat mal-vettura misjuqa mill-imputat, il-parte civile pero spiċċa "kważi ma' l-fanal ta' wara" (fol 82).

A fol 84 mistoqsi in kontro-eżami jekk meta saret il-ħabta bejn il-parte civile u l-imputat, il-vann misjuq mill-imputat kienx diġa laħaq qaleb għall-karreġġjata esterna u kienx diġa jsuq fuqha dan ix-xhud wieġeb li "x'ħin qaleb il-lane ħabtu jiġifieri". Mistoqsi jekk il-parte civile kienx ra li bejn il-mutur tiegħu, il-crash barrier u l-vann misjuq mill-imputat kienx hemm spazju biżżejjed biex jgħaddi u li l-parte civile għażel li jieħu r-riskju u jipprova jgħaddi minn hemm qabel ma żamm il-brake,

dan ix-xhud wieġeb li lill-parte civile rah jagħfas il-brake, pero ma kienx jaf jekk il-parte civile riedx jgħaddi jew le.

Minn naħa tiegħu l-imputat itenni li huwa kien qiegħed iġorr xi passiġġieri u kien qiegħed isuq fuq in-naħa ta' barra għax kien hemm xi żewġ karozzi mexjin bil-mod u kif kien qiegħed jaqbiżhom f'daqqa waħda semgħu ħoss, il-passiġġieri ippanikjaw u huwa mill-mera ra lil tal-mutur li ġie bejn il-vann u s-central strip u minn naħa tiegħu qaleb lejn in-naħa tal-Mosta biex iniżżel lin-nies. L-imputat itenni li huwa kien ilu ftit fuq il-karreġġjata esterna qabel ma seħħ l-inċident u jgħid li kien saq tul ta' madwar mitejn metru. Huwa jgħid li qabel ma għamel il-manuvra kien għamel indikazzjoni, pero kien ilu ftit fuq il-karreġġjata esterna. Jgħid ukoll li huwa qabel lil mutur ma kienx raħ u li kien meta semgħa l-ħoss li ttawwal fil-mera. Jgħid li kien ilu jsuq fuq il-karreġġjata esterna għal madwar tul ta' sitt arbli qabel ma seħħ l-impatt u għalhekk madwar għoxrin sekonda. Mistoqsi fejn kien sab lis-sewwieq tal-mutur, a fol 109 jgħid li dan kien iżjed fuq wara.

***Ikkunsidrat : -***

Illi minbarra dawn il-verżjonijiet il-Qorti analizzat ukoll evidenza ċirkostanzjali li tħoss li hija importanti għas-soluzzjoni ta' din il-vertenza. Minn qari tal-iskizz u l-PIRS preżentat u konfermat minn PS1586 Ronnie Attard (fol 2) jirriżulta li l-ħsara li ġarbet il-vettura misjuqa mill-imputat kienet fuq ir-*right taillight,* b'kumment miżjud jgħid "rear right panel, etc". Mill-banda l-oħra l-ħsara li ġarrab il-mutur jirriżulta li kienet fil-*headlights, back wheel, right frame, right handlebar,*

*right side mirror, sear* u *tail lights*. Imkien ma kien jirriżulta li kien hemm ħsara fuq in-naħa tax-xellug tal-mutur.

Inoltre minn dak li jirriżulta mill-istess PIRS, il-verżjonijiet tal-parte civile, ix-xhud u l-imputat a tempo vergine kienet essenzjalment l-istess bħal dik mistqarra bil-ġurament matul dawn il-proċeduri.

Illi minn qari tal-verżjonijiet tal-partijiet rispettivi magħquda mal-evidenza ċirkostanzjali aktar il-fuq deskritta, din il-Qorti jidrilha li d-dinamika tal-inċident hija dik mistqarra mill-parte civile u x-xhud Mallia.

Fiċ-ċirkostanzi it-teżi tal-imputat li huwa kien diġa laħaq qasam fuq il-karreġġjata esterna, mexa għal madwar mitejn metru f'madwar għoxrin sekonda u wara li kien għamel dan wasal il-mutur misjuq mill-parte civile u pprova jieħu r-riskju li jgħaddi minn bejn il-vann u c-crash barrier u li minħabba f'hekk seħħ l-inċident, hija verżjoni li minbarra li hija kontradetta mill-provi hija fiċ-ċirkostanzi wkoll inverosimili. Kemm il-parte civile kif ukoll ix-xhud iddikjaraw li huma kienu fuq il-karreġġjata esterna filwaqt li l-imputat kien fuq il-karreġġjata interna qabel ma seħħ l-inċident.

Illi din il-Qorti ma taqbilx mal-ispjegazzjoni tal-imputat dwar id-dinamika tal-inċident u r-responsabbilta għall-istess. Il-Qorti tqis li kienet il-manuvra inkonsweta tal-imputat li wasslet unikament għall-inċident stradali de quo. Huwa kellu l-oneru prinċipali li jivverifika jekk hux riesaq traffiku mill-karreġġjata li kellu jaqsam fuqha qabel ma jibda

l-manuvra t'attraversament. Huwa kien obbligat li jżomm *a proper lookout* inkluż dik li jagħti dik l-aħħar daqqa t'għajn fuq it-triq u l-karreġġjata esterna qabel ma joħroġ għal fuqha. Jidher li kieku ta' din l-aħħar daqqa t'għajn kien jintebaħ bil-mutur misjuq mill-parte civile.

Skont kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża ***Il-Pulizija vs. Mario Gellel,*** deċiża nhar id-19 ta' Frar 2004:

> ... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. vs Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. vs Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pul. vs Alfred Vella [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. Pul. vs Hardingham, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. Pul. vs Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. vs Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita ssinistri stradali (App. Krim. Pul. vs Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892]).

Fil-fehma ta' din il-Qorti is-sewqan tal-imputat jikkwalifika fil-parametri tat-tifsira ta' sewqan negliġenti jew traskurat.

L-aġir tiegħu kien il-fattur li wassal għal dan l-inċident stradali. Huwa jrid iwieġeb għal dan l-aġir tiegħu indipendentement minn dak li setgħa għamel ħaddieħor. Sabiex il-fattur kontributorju tat-terz jinnewtralizza r-responsabbilta' tal-imputat, dan il-fattur irid ikun dak li unikament u esklussivament iwassal għall-inċident stradali. Fil-kamp penali, in-negliġenza kontributorja ma teħlisx lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawża

unika tas-sinistru akkadut. F'dan il-każ ma jistax jingħad li l-azzjoni tal-parte civile kienet il-kawża unika jew esklussiva tal-inċident stradali.

Kienet il-manuvra tal-imputat li kienet il-kawża għal dan is-sinistru in kwantu jirriżulta li qabel ma beda l-manuvra tal-attraversament ma għamilx sinjal u l-anqas żamm ***proper look-out*** fis-sens li qabel ma qasam għall-karreġġjata esterna l-imputat naqas milli jagħti dik l-aħħar daqqa t'għajn fuq it-triq li setgħet isserraħlu rasu li ma kienx ġej traffiku minn warajh. Il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest li kieku l-imputat kien diliġenti biżżejjed, dan l-inċident ma kienx iseħħ.

Il-Qorti hija wkoll midħla ta' dik il-parti tat-triq u ma tistax tara kif l-allegata manuvra ta' teħid ta' riskju da' parti tal-parte civile prospettata mill-imputat fid-dibattitu ta' dan il-każ setgħet qatt timmaterjalizza ruħha tenut kont tal-wisa' tal-karreġġjata, id-daqs tal-mini bus misjuq mill-imputat u d-daqs tal-mutur tal-parte civile tenut kont li l-imputat stqarr bil-ġurament tiegħu li meta seħħ l-inċident huwa ma kienx qiegħed jagħmel il-manuvra t'attraversament iżda kien diġa laħaq għadda fuq il-karreġġjata esterna u saq għal madwar mitejn metru!

Fattur li jgħin lill-imputat, mhux daqstant fir-responsabbilta' tiegħu daqskemm fil-modalita u l-kwantum tal-piena li għandha tiġi inflitta f'dan il-każ huwa li kemm il-parte civile kif ukoll ix-xhud Mallia jtennu li l-imputat kien qiegħed isuq bil-mod u li l-manuvra t'attraversament intrapriża minnu kienet ukoll qegħda ssir bil-mod.

*Ikkunsidrat : -*

Illi kwantu għan-natura tal-offiżi sofferti mill-imputat jirriżulta kemm skont iċ-ċertifikat tat-tabib Moses Camilleri kif ukoll, u b'mod partikolari, mir-relazzjoni tal-ispeċjalista Alec Sultana kienu ta' natura gravi. Għalkemm minn dak li joħroġ miċ-ċertifikat tat-tabib Camilleri huwa ċar li l-offiża hija gravi per durata minn dak li joħroġ mir-relazzjoni tal-ispeċjalista, l-konsegwenzi tal-offiża subita mill-parte civile hija ta' natura permanenti, għalkemm f'perċenwali li huwa relattivament żgħir ta' ħamsa fil-mija (5%). Il-Qorti tqis li din hija forma ta' debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem. Għalhekk l-Artikolu applikabbli huwa l-Artikolu 226(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali.

## ***<u>Decide</u>***

li rat l-Artikoli 226(1)(a) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li tiddikjara lil Charles Abela ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontih tqis li peress li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ hija tal-fehma li jeżistu l-elementi rikjesti mill-Liġi taħt l-Artikoli 7(2) u 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tenut kont tax-xorta tar-reat u ċ-ċirkostanzi li seħħew fih, il-Qorti tqis li

mhux spedjenti li twaħħal piena, iżda li għandhom jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tagħmel ordni li biha tillibera lill-ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor matul il-perjodu ta' sena mid-data tal-lum.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-ordni għall-liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk tagħmel reat ieħor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħati ikun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Inoltre, fid-dawl tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-iskwalifika tal-liċenzji tas-sewqan tal-imputat, il-Qorti qegħda tiskwalifika lil ħati milli jkollu liċenza tas-sewqan għal perjodu ta' ħmistax il-jum millum f'nofs il-lejl.

Inoltre wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż lir-Reġistratur tal-espert maħtur matul il-kors ta' din il-kawża Mr Alec Sultana fl-ammont ta' tliet mitt euro (€300).

***Mogħtija illum 28 ta' Settembru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***